**Kunsill Lokali Ta Xbiex**

High Rise Apartments, Triq l-Imradd, Ta Xbiex XBX 1150
Tel: 00356 21338844 email:taxbiex.lc@gov.mt website: www.taxbiex.gov.mt

---

**KUNSILL LOKALI TA' XBIEX**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 64 – L-ERBGĦA, 27 TA' MARZU 2023 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Max Zammit | Sindku |
| | Louisa Cachia Castelletti | Kunsillier |
| | Eugenio Muscat | Kunsillier |
| | Ronald Portelli | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Oriana Calleja | Viċi Sindku |

**1 Approvazzjoni Minuti 62**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Louise Cachia Castelletti ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti 63**

2.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 2.4, għandha tidħol il-kelma "faċċati" minflok il-kelma "gallarijiet". Is-Sinjura Louise Cachia Castelletti pproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Ronald Portelli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Pagamenti 98**

3.1 Il-pagamenti ġew diskussi waqt il-laqgħa. Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sinjura Louisa Cachia Castelletti ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

---

Sindku: Max Zammit, Vici Sindku Oriana Calleja, Kunsilliera: Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat, Ronald Portelli
Agent Segretarju Ezekuttiv: Kurt Guillaumier

3.2 Is-Sur Ronald Portelli ppropona li jiġi approvat il-petty cash. Is-Sinjura Louise Cachia Castelli ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-latrina. Kien hemm qbil li għandu jidħol overtime s-Sur Chris Cauchi biex jagħmel xogħol ta' cleaning fil-latrina.

4.2 Dwar SPI/SCI/6/2024 Community Inclusive scheme, kien hemm qbil li napplikaw għal persuna biex tagħmel xogħol ta' tindif fil-latrina.

4.3 Kien hemm diskussjoni dwar is-servizz ta' tindif li qed isir fil-lokal. Il-Kunsill għandu allokazzjoni madwar 30,000 elf Ewro għat-tindif tal-lokal. Il-Kunsill għandu proposta li bil-budget ta' madwar 30,000 Ewro, is-CMD toffri 3 persuni full time, u li jkunu allokati fil-lokal, biex innaddfu Ta' Xbiex. Kien hemm qbil li din il-proposta tiġi aċċettata.

4.4 Kien hemm diskussjoni dwar il-parkeġġ fix-Xatt ta' Ta' Xbiex. Kien hemm talba biex id-double yellow line jitneħħa u minflok isir parkeġġ temporanju. Kien hemm qbil li għalissa ma tittiħidtx deċiżjoni biex nassiguraw li ma jkunx hemm xkiel għal aċċessibbiltà. Għandha tittieħed deċiżjoni aktar tard wara li jkunu ttieħdu il-wiesà tal-bankina u tat-triq.

## 5 Korrispondenza

5.1.1 Kien hemm diskussjoni dwar korrispondenza fuq EV charging points. Kien hemm deċiżjoni li tingħata risposta aktar tard.

5.1.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni għal funding għal attività Connecting Through Culture mill-iskema tad-DLG.

5.1.3 Sar kuntatt mal-Kunsill ta' Rocca Santo Stefano minħabba ż-żjara li ser issir bejn it-8 u l-10 ta' Mejju 2024.

5.4 Kien hemm qbil li l-Kunsill jiffinanzja l-ispiża biex saru slaleb fit-toroq għal Ġimgħa l-Kbira.

5.5 Dwar SPI/SCI/2/24 kien hemm qbil li napplikaw biex isir titjib għall-aċċessibbiltà f'numru ta' toroq kif ukoll biex isiru numru ta' titjib fil-lokal. Is-Sur Eugenio Muscat għandu jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill biex issir l-istima tax-xogħlijiet tal-bankini.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm.

**Max Zammit**
**Sindku**

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segetarju Eżekuttiv**